# Il-Kanonċi Onorarji tal-Kolleġġjata Elenjana (1912-1968)

Winston L. Zammit B.A.(Hons) M.A. P.G.C.E.

*Fil-Kapitlu Elenjan, minbarra l-kanonċi effettivi li n-numru tagħhom hu ta' sbatax, insibu wkoll il-kanonċi onorarji li jidher li bdew jinħatru fl-1912. Il-Kanonċi onorarji jinħatru mill-Arċisqof wara li ssir rakkomandazzjoni mill-Kapitlu Elenjan.*

Dawn ma jiħdux pussess kif jieħdu l-kanonċi effettivi, iżda fil-Kolleġġjata ssir ċerimonja ta' l-investitura fil-kor, li titmexxa mill-Prepostu bħala l-preminent tal-kapitlu u jkun preżenti fil-kor ir-Rev.mu Kapitlu.

Din iċ-ċerimonja kienet issir b'dan il-mod. Il-Prepostu bħala preminent tal-kapitlu, jagħti l-investitura lill-kanonku onorarju l-ġdid mit-taraġ ta' l-artal tal-kor, billi jlibbsu r-rukkett, il-kappamanja u s-salib pettorali. Wara l-kanonku onorarju l-ġdid jieħu postu fl-aħħar sedja tal-kor. Wara dan il-kanonku kien jidħol fis-sagristija fejn ineħħi l-kappamanja u s-salib, jilbes l-amittu, s-salib u l-kappa, u jidħol fil-kor fejn jintona l-għasar.[1] Illum din iċ-ċerimonja nbidlet xi ftit billi qiegħda ssir iċ-ċerimonja ta' l-investitura mingħajr l-għasar.

Il-kanonċi onorarji jekk jattendu għall-kor, joqogħdu fl-aħħar sedji tal-kor. Jekk jieħdu sehem fil-purċissjonijiet jimxu quddiem nett, quddiem il-kanonċi effettivi u josservaw l-anzjanita' bejniethom skond id-data tan-nomina tagħhom. Huwa interessanti l-fatt li naħseb li kien uniku, li fl-1915 waqt il-quddiesa solenni Prepositali tal-festa ta' Santa Liena, ix-xogħol ta' Presbyter Assistens li jsir mid-Dekan, f'dik iċ-ċirkustanza kien sar mill-kanonku onorarju Dun Vincenz Cassar.[2] Wieħed jassumi li din kienet konċessjoni speċjali mill-kapitlu Elenjan.

Mill-1912 sal-1968 il-kapitlu Elenjan kellu sbatax-il kanonku onorarju. F'dan l-artiklu li se jitkompla fil-ħarġa li jmiss is-sena d-dieħla, se nagħti tagħrif biografiku dettaljat dwar dawk is-saċerdoti li kienu kanonċi onorarji biss. Jekk xi saċerdot, qabel jew wara li nħatar kanonku onorarju, sar kanonku effettiv, nagħti biss nota żgħira dwaru.

**Dun Domenico Nisi (1861-1918)**
Dan is-saċerdot Taljan li jidher li kien l-ewwel kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana, kien twieled f'Bagnoreo fl-Umbria fl-1861 u kien lawreat fil-Filosofija, it-Teoloġija u d-Dritt Kanoniku. Meta ġie Malta kien beda jgħallem fil-Kulleġġ ta' Flores il-Belt u fl-Istitut Savona.[3] Fl-1909 kien ġie maħtur Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex, fejn kien jgħallem il-Latin u t-Taljan fil-klassi tal-Matrikola,[4] iżda dam f'din il-kariga anqas minn sena.[5] Lura f'Malta kien jgħallem il-Latin u t-Taljan fis-Seminarju Maġġuri,[6] fl-iskola

Umberto Primo u fl-Universitaċ ta' Malta.[7]

Nhar il-Ħadd 18 ta' Frar 1912, Dun Domenico Nisi, li kien ukoll konfessur, ingħata l-investitura bħala Kanoniku Onorarju tal-Kapitlu Elenjan.[8] Miet wara marda twila fl-isptar Saura r-Rabat nhar il-25 ta' Settembru 1918 fl-etaċ ta' 57 sena. [9]

**Dun Vincenz Cassar (1878-1944)**
Twieled fl-1878,[10] u kien għadu kjeriku meta nħatar kappillan ta' Mons. Salvatore Gaffiero, Isqof Awżiljarju.[11] Kien ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1901.[12] Mogħni bl-onorifiċenza Pro Ecclesia et Pontefic', kien konfessur u ġie wkoll maħtur kanonku onorarju ta' Loreto.[13] Maħtur kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana, ngħata l-investitura nhar il-festa ta' Lapsi, 16 ta' Mejju 1912, filgħodu.[14]

Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija wettaq xogħol pastorali fost is-suldati kattoliċi li kienu stazzjonati fil-Mile-End, Il-Ħamrun[15] u fl-1916 ngħata onorifiċenza mill-gvern Franċiż.[16] Miet fl-24 ta' Settembru 1944.[17]

**Kan. Dun Ġużepp Psaila Cumbo (1884-1958)**
Twieled fl-1884[18] u kien ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906, u f'dak Iż-żmien diġà kien joqgħod f'Tas-Sliema.[19] Studja fl-Universita' ta' Malta minn fejn iggradwa D.D. B.L.Can. fl-1907. Billi kien ġie l-ewwel fil-kors rebaħ il-premju tal-Gvern u tal-Markiż Scicluna.[20] Wara li temm l-istudji tiegħu f'Malta, mar ikompli l-istudji fil-Liġi Kanonika fl-Universita' Gregorjana f'Ruma, fejn kien residenti f' Bede's English College u mnejn kiseb id-dottorat fil-Liġi Kanonika.[21] Lura Malta f'Lulju 1908[22] beda jagħti s-servizz tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.[23]

Fl-1915, Dun Ġużepp kien maħtur Kap tal-Liċeo l-ġdid li nfetaħ f'Għawdex[24] u fl-istess sena nħatar Bibljotekarju (librar) tal-Librerija Pubblika f'Għawdex.[25] Sentejn wara f'Jannar 1917 inħatar ukoll għalliem tat-Taljan u l-Ingliż fl-Università.[26] Iżda minbarra dawn il-karigi fuq imsemmija, kellu wkoll karigi oħra f'Għawdex fejn kien jgħallem fit-Training School u kien ukoll Assistant Inspector fil-klassijiet ta' l-emigrazzjoni. Fil-qasam pastorali wettaq ukoll xogħol fost il-feruti konvalexxenti f' Chambray. Fl-1922 kien ġie trassferit f'Malta fejn beda jgħallem fil-Liċeo.[27]

Fl-1927, Dun Ġużepp inħatar kanonku onorarju tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara u ngħata l-investitura fl-10 ta' Frar ta' l-1928.[28] Miet f'Tas-Sliema fit-30 ta' Awissu 1958 fl-età ta' 76 sena.[29]

**Mons. Giovanni Bologna (1873-1939)**
Twieled fl-1873[30] u kien ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Dicembru 1898.[31] Kien ukoll konfessur u predikatur. Viċi-Direttur ta' l-Istitut tad-Duttrina mwaqqaf fil-knisja ta' Santu Rokku fil-Belt u prokuratur tal-Lega Riparatriċi tal-Qalb ta' Ġesù, imwaqqfa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt.[32] Fl-1916 inħatar Rettur tal-Knisja ta' Santu Rokku fil-Belt Valletta u Direttur ta' l-Istitut tad-Duttrina diġà msemmi, anness magħha, kariga li huwa żamm sa l-1922.[33]

Fis-7 ta' Novembru 1920 ħa l-pussess ta' kappillan-kuġitur tal-knisja ta' San Nikola l-Belt.[34] Maħtur kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana,[35] fil-21 ta' Mejju 1936 ġie maħtur Kamrier Sigriet tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur.[36] Miet fid-dar tiegħu fil-Belt Valletta f'Lulju ta' l-1939 fl-eta' ta' 65 sena.[37]

Fis-sagristija tal-Bażilika Elenjana hemm kwadru-ritratt tiegħu liebes is-suttana vjola u l-pelliċċa. Jingħad li kellu l-ħsieb li jżid in-numru ta' kanonċi Elenjani billi jwaqqaf id-dinjita' Primiċerjali, iżda dan il-ħsieb ma seħħx.

**Mons. Prof. Carmelo Bonnici**
Kien Prepostu-Arċipriet tal-Kolleġġjata Elenjana bejn l-1924 u l-1935. Wara li spiċċa minn Prepostu kien ġie maħtur kanonku onorarju.[38] Bħala kanonku onorarju aġixxa bħala Vigarju Kurat għal ftit xhur meta l-Prepositura kienet vaganti wara r-riżenja tal-Prepostu Dun Ġużepp Sammut.[39]

**Dun Ġwann Psaila (1878-1967)**
Twieled fl-1878[40] u kien ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1903.[41] f'April 1927 ġie maħtur Viċi-Parroku tal-knisja dak iż-żmien Viċi-Parrokkjali ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, kariga li baqa' jżomm sal-1935.[42]
Fit-12 ta' Marzu 1939 Dun Ġwann ġie maħtur kanonku tal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat,[43] iżda fl-istess sena f'Novembru ġie maħtur rettur tal-knisja ta' San Nikola l-Belt,[44] kariga li baqa' jżomm sa l-1966.[45] Maħtur kanonku onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana, ħa l-investitura fis-27 ta' Marzu 1945.[46] Miet fit-12 ta' Marzu 1967 u l-funeral tiegħu sar fil-Bażilika Elenjana.[47]

**Kan. Dun Ġwann Micallef (1902-1966)**
Kien kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana, iżda fl-1947 irriżenja biex imur għall-missjoni fl-Indja u ġie maħtur kanonku onorarju.[48] Wara li ġie lura Malta, f'Marzu 1956 kien reġa' ġie elett kanonku effettiv u ħa l-pussess f'April 1956.[49]

**Kan. Beneditt N. Fsadni (1902-1966)**
Dun Beneditt Fsadni twieled il-Belt Valletta fl-1902[50] u ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Lulju 1926.[51] Wara l-ordinazzjoni kiseb il-lawrea fil-Filosofija u t-Teoloġija u mar jgħallem fl-iStudium Generale ta' Bologna.[52]

Bejn l-1940 u l-1947 Dun Beneditt wettaq xogħol pastorali bħala Abbati-Kurat ta' Castelfranco f'Benevento fl-Italja u kien ukoll l-Amministratur ta' l-Arċipretura ta' San Ġwann Battista.[53] Fl-1948 huwa mar il-Kanada fejn ippriedka l-Missjoni lill-Maltin.[54] Lura Malta ġie maħtur surmast fil-Liċeo u kien ukoll kappillan tal-Ħabs Ċivili f'Kordin.[55]

Wara talba tiegħu lill-Kapitlu Elenjan, l-Arċisqof Gonzi, fl-10 ta' Ottubru 1956 ħatru bħala kanonku onorarju[56] u ħa l-investitura fis-6 ta' Jannar 1957. Xahrejn wara, fit-3 ta' Marzu 1957 ħa l-pussess ta' kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Lija,[57] kariga li huwa żamm sal-1964. Wara reġa' beda jgħallem fl-iskejjel statali.

Predikatur u kittieb, ingħata diversi onorifiċenzi. Ġie maħtur Kappillan Maġistrali u wara Kappillan Konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann u fl-1948 il-Prinċep Reġġent ta' l-Italja,

ħatru Kavallier ta' l-Ordni ta' San Mawrizju u San Lazzru. L-Isqof ta' Ariano ħatru kanonku onorarju tal-knisja ta' San Pietru Appostlu.[58] Miet fl-4 ta' Lulju 1966.[59]
1 Ara: L(eħen) B(irkirkara) P(rogressiva) Mejju 1957, fejn insibu deskrizzjoni dettaljata taċ-ċerimonja ta' l-investitura tal-Kan. Onor. Dun Beneditt Fsadni, li kienet saret fis-6 ta' Jannar 1957. Jiena stess bħala wieħed mill-abbatini, kont preżenti fil-kor għaċ-ċerimonja ta' l-investitura ta' żewġ Kanonċi onorarji, li kienu saru f'April 1967.

1 kanonċi onorarji, li kienu saru f'april 1967.
2 Malta Tagħna 28.VIII.1915.
3 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Manuskritt bl-isem: SACETDOTIUM OMNIUM QUI DEI MAJORI GLORIAE ANIMARUMQUE SALUTI EP. MAURO CARUANA O.S.B IN DIOCESI MELITENSI DANT OPERAM p. 26; La Diocesi, Agosto 1918 p. 88.
4 The Malta Herald, 12.X.1909.
5 Ibid., 12.VII.1910.
6 A.K.A. Sacerdotium Omnium, op. cit., p.26.
7 D(aily) M(alta) C(hronicle) 4.XI.1916.
8 Il-Ħabib, 22.II.1912.
9 La Diocesi, Agosto 1918, p. 88.
10 A.K.A. Sacerdotium Omnium, op.cit. p.84.
11 Malta Tagħna, 23.XI.1901.
12 J. Calleja: Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000 (Malta 2001) p.38.
13 A.K.A. Sacerdotium Omnium, op.cit. p.84.
14 Il-Ħabib, 23.V.1912.
15 The Malta Herald, 4.X.1915.
16 Ib.id. 12.X.1916.
17 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
18 A.K.A. Sacerdotium Omnium, op.cit, p.98.
19 J. Calleja: op.cit. p.40.
20 Malta Tagħna, 20.VII.1907; The Malta Herald, 16.VIII.1907; Guida Generale di Malta e Gozo 1933-1934, p.329.
21 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), Petitions 1907, No. 1860. Guida Generale ... op.cit, p.341.
22 The Malta Herald, 10.VII.1908.
23 Malta e sue Dipendenze, 23.I.1909.
24 The Malta Herald, 1.IV.1915.
25 Malta, 1.V.1915.
26 Ib.id; 13.I.1917.
27 The D.M.C. 14.XI.1942
28 The Malta Herald, 26.XII.1927.
29 L.I.S., 3.IX.1958.
30 A.K.A. Sacerdotum Omnium, op.cit. p.70.
31 J. Calleja, op.cit. p.37.
32 A.K.A. Sacerdotum Omnium, op.cit. p.70
33 La Diocesi, 7.VII.1916; The Malta Herald, 24.X.1922.
34 Il-Ħabib, 10.XI.1920.
35 Guida Generale di Malta e Gozo 1934-1935, p.143.
36 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
37 L.I.S. 1.VIII.1939.
38 Guida Generale di malta e Gozo 1935-1936, p.143.
39 L.I.S. 26.VIII.1936.
40 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
41 J. Calleja, op.cit. p.39.
42 J. Grima, Il-Viċi-Parroċċa ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi (1918-1936) Parroċċa S. Bastjan Qormi, Ħamsin Sena Parroċċa 1936-1986, p.9.
43 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
44 Lucerna, 1939, p. 310.
45 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
46 L.I.S. 30.III.1945.
47 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
48 Tagħrif mogħti lill-awtur mill-Kan. Dekan Ant. Mallia Borg 30.XII.2001.
49 L.B.P. Marzu-Mejju 1956.
50 Ibid.
51 J. Calleja, op.cit. p. 47.
52 L.B.P. Diċembru 1956.
53 Ibid.
54 Il-Berqa, 2.IV.1948.
55 L.B.P. Diċembru 1956.
56 Ibid.
57 L.B.P. Mejju 1957.
58 Ibid. Diċembru 1956; Il-Berqa, 2.IV.1948.
59 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.